Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 591/2011 AE

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha P. Cutajar & Co. Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**GMC Transport Company Limited u S&T Services Limited**

Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 2016.

Permezz tal-Avviz tat-talba preżentat fit-18 ta' Lulju 2011, is-soċjeta' attriċi ddikjarat illi s-socjeta' P. Cutajar & Co. Ltd. inkarigat lis-socjeta' intimata GMC Transport Company Limited sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta, li waslet Malta fis-26 ta' Lulju 2010 permezz tal-Eurocargo Genoa; fil-fatt din il-merkanzija ġiet konsenjata minn S&T Services Limited lil P. Cutajar & Co. Ltd in parti fit-28 ta' Lulju 2010 u in parti fl-4 ta' Awissu 2010. Irriżulta li parti mill-merkanzija kienet danneġġata, ghal liema danni huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom. Skont il-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-soċjeta' attriċi ħallset lill-assigurata tagħha P. Cutajar & Co. Ltd. is-somma ta' €632.61c u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha, hi dovuta lis-socjeta' attriċi s-somma ta' €90 għal spejjez amministrattivi. Għalhekk talbet kundanna tas-soċjetajiet konvenuti fis-somma globali ta' seba' mija, tnejn u għoxrin euro, wieħed u sittin centeżmu (€722.61c). Bl-imgħax legali mill-10 ta' Settembru 2010 sad-data tal-ħlas.

Il-konvenuti wieġbu li in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited, it-talba attriċi hi nfondata fil-fatt u fil-liġi u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż. F'kull każ, l-eċċipjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited ma jaħtu bl-ebda mod ghall-ħsarat allegatament kaġunati lill-merkanzija in kwistjoni u m'ghandhom ebda responsabilita' għar-rigward tal-istess.

B'sentenza tat-3 t'Ottubru 2014 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, qal:

*Illi mill-atti processwali jirrizulta illi meta l-agent tas-socjeta' konvenuta ghabba l-merkanzija mill-post ta' origini tieghu, u cioe' minn Petersbach, ma deher li kien hemm ebda problemi in rigward il-merkanzija, u f'dak il-waqt, din il-merkanzija kienet ghadha intatta. Illi mill-provi rrizulta wkoll illi tnax (12) minn dawn il-pallets thattew f'mahzen fi Strasbourg, u l-kumplament tal-merkanzija kompliet tipprocedi lejn Malta. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jsostni illi kien hemm ftehim mad-direttur tas-socjeta' P Cutajar Co Ltd sabiex tali konsenja tinqasam fi tnejn, madanakollu, ma tressqet ebda prova in rigward, u mill-atti jirrizultaw biss l-istruzzjonijiet li d-direttur tas-socjeta' konvenuta ta lill-agent tieghu barra minn Malta sabiex dan isir. Illi ghalhekk kwalunkwe hsara li setat irrizultat konsegwenza*

*ta' tali decizjoni - u dan peress illi l-merkanzija kellha tigi rimossa mit-trailer biex tinhatt fil-mahzen fi Strasbourg, u imbaghad terga' titghabba biex tipprosegwi lejn Malta, u ghalhekk giet esposta ghal aktar handling minn dak intiz originarjament - ghandha tigi addossata lis-socjeta' konvenuta. Illi in rigward l-ewwel konsenja, il-hsara fil-merkanzija giet innotata meta l-merkanzija waslet fl-imhazen ta' P Cutajar Co Ltd, tant illi sar annotament in rigward fuq id-delivery note relattiva. Illi dwar it-tieni konsenja, jidher illi l-hsara fil-merkanzija grat f'xi stadju bejn Strasbourg u Carpi, ghaliex il-burdnar nnota din il-hsara – u gharraf lill-agent dwarha – fit-28 ta' Lulju 2010 (vide e-mail a fol.95 tal-atti), u impjegata fi hdan is-socjeta' konvenuta giet informata wkoll dwar dan.*

*Illi gialadarba s-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited accettat l-inkarigu mghoti lilha mis-socjeta' P Cutajar Co Ltd li tittrasporta u tikkonsenja din il-merkanzija, u jidher li din l-istess socjeta' inkarigat lis-socjeta' konvenuta l-ohra S & T Services Limited sabiex twassal tali merkanzija fl-imhazen tal-klijent taghha meta din waslet hawn Malta, u gialadarba s-socjetajiet konvenuti ma ressqu ebda provi dwar cirkostanzi li setghu wasslu sabiex jigu skolpati u mehlusa mir-responsabilita' taghhom illi jaccertaw illi tali merkanzija tigi kkonsenjata fi stat tajjeb u shih ghand id-destinatarju, allura necessarjament isegwi illi tali socjetajiet konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-hsara li li rrizultat fil-merkanzija in kwistjoni, u konsegwentement ghandhom ihallsu d-danni reklamati mis-socjeta attrici.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti, jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jordna lis-socjetajiet konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u sittin centezmu (€722.61), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba."*

Is-soċjetajiet konvenuti appellaw mis-sentenza tat-Tribunal, bl-aggravju li t-Tribunal naqas li:

**(1) japplika l-liġijiet rilevanti biex jiddetermina jekk l-appellanti jaħtux għall-ħsara fil-merkanzija**

It-Tribunal messu applika l-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali tal-Merkanzija (Kap 486). It-Tribunal jitfa' responsabilita` talli l-merkanzija nqasmet fi tnejn u twasslet parti fuq vjaġġ u parti fuq vjaġġ ieħor, filwaqt li Art. 6(2)(a) tal-istess Kap jipprovdi li l-*consignment note* għandha tindika li t-*transhipment* mhux permess, fejn dan ikun il-każ filwaqt li Art. 6(3) jipprovdi li l-partijiet jistgħu iżidu fuq il-consignment note *'any other particulars which they may deem useful'* – f'dan il-każ, li l-merkanzija tinġarr sħiħa u tiġi kkunsinnata f'daqqa. Ma kien hemm l-ebda projbizzjoni f'dan il-każ. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda prova li t-*transloading* ikkaġuna l-ħsara.

**(2) iqis in-natura tal-ħsara, u wasal għal konklużjoni dwar x'ikkawża l-ħsara fuq preżunzjoni ta' fatt mhux ippruvat.**

Is-soċjeta` assikuratriċi m'għamlitx survey u għalhekk ma stabbilitx x'kien il-kaġun tal-ħsara. Joseph Mangion, *marine cargo claims officer*, u Adrian Pace, *shipping administration clerk* it-tnejn tas-soċjeta` assikuratriċi xehdu li nbeżqu s-sufri minn għadd ta' fliexken, u li s-sufri ma kinux imtaqqbin. Ma jafux l-għala ġara hekk. Saviour Borg, *assistant storekeeper* ta' Cutajar xehed li l-merkanzija kienet għadha shrink-packed. Charles Bugeja, managing director tas-soċjeta` appellanti GMC, sostna li l-kawża kienet żieda fil-pressjoni. Fejn kien hemm spazju spara t-tapp, fejn le, infaqa' l-flixkun.

Skont Art. 17 tal-Konvenzjoni CMR dak li jġorr mhux responsabbli għal ħsara li sseħħ *'by inherent vice of the goods'.* It-trasferiment tal-fliexken minn trailer għal maħżen u lura għal fuq trailer żgur ma setatx tkun il-kawża tal-ħsara billi l-fliexken kienu ppakkjati fi plastic oħxon issikkat.

**(3) jikkunsidra li s-soċjeta` appellata ħarġet biss parti mis-somma mitluba u barra minn hekk irkuprat mingħand Cutajar il-biċċa l-kbira tal-inbid li ħallset tiegħu b'benefiċċju sħiħ għaliha.**

Is-soċjeta` assikuratriċi ma ppruvat l-ebda dannu għajr il-€632.61 li ħallset lill-assikurata tagħha. Irċiviet 300 flixkun li kien għadhom sħaħ u l-inbid tajjeb. Żammithom u xorbuhom l-impjegati. L-imbid kien għadu tajjeb.

Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjeta` assikuratriċi wieġbet li:

1. L-appell huwa null, għax ma sarx abbażi ta' xi wieħed mill-każijiet eċċezzjonali prospettati fl-artiklu 8(2) tal-Kap 380.

2. Ir-riskju għall-imbid kien ikun ferm inqas kieku l-konvenuti ma qagħdux iħottuħ u jgħabbuh, u jaqsmuħ fi tnejn. Il-limitazzjonijiet tas-CMR ma jgħoddux meta l-merkanzija tinħatt u terġa' titgħabba waqt il-vjaġġ. L-appellanti huma żbaljati meta jaddossaw il-piż tal-prova tal-kawża tal-ħsara fuq l-appellati. Kemm skont il-liġi Maltija kif ukoll dik internazzjonali, fil-qasam tal-ġarr tal-merkanzija dak li s-sid irid jipprova hu li l-merkanzija inġabret mit-trasportatur mingħajr ebda rimarki dwar il-kwantita` jew l-istat tagħha u li fil-mument tal-konsenja, irriżultaw il-ħsarat jew nuqqasijiet. Allura l-piż tal-prova jdur fuq it-trasportatur li jista' jeskolpa ruħu jekk ikun hemm ċirkostanzi tant straordinarji li ma setax jilqa' għalihom lanqas bl-ikbar diliġenza.

3. Irrilevanti li l-merkanzija kienet shrink-wrapped. L-inbid hu delikat u jespandi b'ħafna ċaqlieq żejjed. Sa ma waslet Strasburgu l-merkanzija kienet tajba. Kien f'xi punt wara li ġralha l-ħsara, possibilment meta GMC qabdet u kkonsolidat tnejn mill-pellets fuq oħrajn u possibilment anke għabbiet merkanzija oħra ta' terzi fuq il-pallets in kwistjoni, billi l-konsenji kienu groupage.

4. Id-danni huma dwar 427 flixkun li ma setgħux jinbiegħu fl-istat tagħhom, minn konsenja ta' madwar 12,000 flixkun, kif aċċertat minn Adrian Pace, administration clerk ma' Cutajar. Il-fliexken li żammet is-soċjeta` assikuratriċi u li qassmet bejn l-impjegati tagħha kienu biss frazzjoni żgħira mill-istokk totali mħassar. Kieku żammithom kienet iżżid l-ispejjeż.

5. M'hemmx lok għal evalwazzjoni ġdida tal-provi.

Il-qorti rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Il-jedd t'appell mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar m'huwiex wieħed bla limitu, għajr fil-każijiet fejn l-ammont in kwistjoni jaqbeż is-somma ta' €1,500. Fejn ma jaqbizx – fil-każ preżenti t-talba hi għall-ħlas ta' €722.61, l-appell jista' jsir biss (Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, Kap. 380):

   (a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;
   (b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
   (c) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);
   (d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

2. L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fi kritika dwar punti ta' fatti u ta' ligi. Materji li ma jaqghux taht wiehed mill-każijiet fejn hu mogħti d-dritt ta' appell. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti[1], **Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited** tat-13 ta' Jannar 1999, fejn qalet:

   *"L-appell tieghu huwa kollu bazat fuq sottomissjonijiet li jikkontesta l-interpretazzjoni tal-ligi u tar-regolamenti li jiggvernaw il-meritu u dwar x'piz kellu jinghad lid-dokumenti tal-Port rilaxxati fl-iskarikar u konsenja ta' merkanzija.*

   *Aggravji allura principalment bazati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li bl-ebda mod ma huma marbuta ma', u addebitati lil, xi nuqqas ta' imparzjalita' tat-Tribunal jew ma' xi allegazzjoni li dan mar kontra d-dettami tal-ekwita' kif trid il-Ligi."*

   Il-qorti ddikjarat l-appell, null.

   Imbaghad, fil-kawza **Oscar Gatt vs Silvio Brincat** deciza fit-12 ta' Jannar 2001, l-istes qorti qalet:

   *"Issa mill-aggravju lilha sottomess mill-appellant, din il-Qorti ma tara xejn li jista' jinduciha biex tikkonkludi li t-Tribunal kien agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' ekwita'. Indubbjament bl-ebda mod ma seta' jkun hemm accenn ta' rifless fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal. Infatti fl-ebda mument ma gie accennat li t-Tribunal ma mexiex b'mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri. Il-fatt illi fid-deliberazzjoni tieghu, anke kif redatti fil-konsiderazzjonijiet tad-decizjoni appellata, it-Tribunal ghazel li jadotta bhala aktar kredibbli u attendibbli l-verzjoni li ta l-konvenut ta' kif sehh l-incident, bl-ebda mod ma jfisser li t-Tribunal kien agixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ta' l-attur appellant. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu tal-provi prodotti, it-Tribunal ikkonvinca ruhu li l-verzjoni ta' kif sehh l-incident, moghtija mill-attur u mill-provi tieghu, ma kienetx tissodisfa dak il-minimu mehtieg biex it-Tribunal jaccetta bhala provati l-premessi ghat-talba tieghu.*

[1] Imhallef J. Said Pullicino.

*In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata. It-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita' u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonjiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti. L-Appell hu ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostnuta"*[2].

Imbaghad fis-sentenza **Rita Bihiga vs Adrian Busuttil** deċiża minn din il-qorti[3] fl-1 ta' Novembru 2006, inghad:

*"Bil-konoxxenza shiha tal-fatti, gudizzju bhal dan, li fih ma gie espress ebda kuncett ta' ekwita` imma mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal-Kapitolu 380 ghad-dritt ta' l-appell quddiemha. Ara "**John Attard -vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju 2001".*

Insenjament li japplika perfettament ghall-aggravji tal-appellanti. Hekk per ezempju:-

i. L-ewwel aggravju jitratta dwar jekk skond il-Konvenzjoni CMR, il-carrier setax jittrasferixxi parti mill-merkanzija għal go maħzen ladarba fil-*consignment note* ma kinitx eskluża l-possibilta' ta' *transhipment*. Aggravju li jitratta dwar l-applikazzjoni u nterpretazzjoni ta' provvediment ta' ligi.
ii. It-tieni aggravju jitratta t-tezi tal-appellanti li l-ħsara saret minħabba difett fil-merkanzija. Materja li għandha x'taqsam mal-fatti. Minħabba li l-ammont tat-talba ma jaqbiżx is-somma ta' €1,164.69[4], m'hemmx dritt ta' appell fuq punt ta' fatt.

3. Din il-Qorti ma tistax tassumi ġurisdizzjoni li m'għandhiex. Materja li hi ta' ordni pubbliku u saħanistra kien ikollha d-dover li tqajjem *ex officio* fl-eventwalita' li l-appellati ma tawx l-eċċezzjoni[5].

4. F'kull każ u bħala nteress biss, il-qorti tosserva li:

i. It-Tribunal ma bbażax id-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt biss li parti mill-merkanzija nħattet f'maħżen gewwa Strasbourg, u l-kumplament tal-merkanżija ntbagħtet Malta. Ovvjament dak il-fatt, kif qal tajjeb it-Tribunal, fisser iktar *handling*.

ii. Fil-*consignment note* (Dok. JM2 a fol. 21) ma jingħadx li parti mill-merkanzija kellha tinħatt u titpoġġa f'maħżen[6]. F'email tat-

---

[2] L-istess qorti fis-sentenza **RMF Limited vs Joseph Vella,** tad-9 ta' Mejju 1997, qalet li taht l-Artikolu 8(2) id-dritt tal-appell, *".... Allura anqas jestendi ghal każijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mit-Tribunal, ħlief fejn dan ġie espliċitament provdut."*
[3] Imhallef P. Sciberras.
[4] L-appell kien preżentat fit-22 ta' Ottubru, 2014. Bl-Att IV tal-2016 is-somma żdiedet għal €1,500.
[5] **Gio Andrea Psaila v Emidio Mamo**, Appell Ċivili 16.05.1966 (Kollez. Vol. L.i.197) ċitata minn din il-Qorti fis-sentenza **Alison Fiorentino v Dragonara Casino Ltd** 19.10.2005 (per Imħallef Philip Sciberras).

22 ta' Lulju 2010 mibghuta minn Jeanette Fausel Attard, ufficjal tal-appellant GMC Transport Co Ltd, jinghad: "*This morning we are loading 24 plts from Les Grands in Petersbach. After loading in Petersbach our trailer will come to your warehouse to unload 12 plts* ***as we need space to load afterwards another direct shipment****. Pls leave these plts in your warehouse and we will load them next week on our trailer to Malta.*" Kliem li ghall-qorti jikkontradiċi dak li xehed Charles Bugeja (fol. 90) li l-merkanżija nħattet minħabba li kienet tqila.

iii. Għalkemm l-appellanti ssostni li skond il-ligi (Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanżija, Kap. 486[7]) kellha jedd li tħott parti mill-merkanżija għaliex il-*consignment note* ma kinitx tiprojbixxi *transhipment*, jibqa' 'l fatt li parti mill-konsenja tneħħiet mill-*container* u tpoġġiet f'maħżen. Dan wassal ghal iktar *handling* tal-merkanzija. Il-qorti lanqas mhi konvinta mill-interpretazzjoni li l-appellanti jaghtu lill-kelma *transhipment*. Dan ma kienx kaz fejn il-merkanzija nħattet minn fuq mezz ta' trasport ghal fuq iehor, imma parti mill-merkanżija nħattet mill-container u tpoġġiet f'maħżen.

iv. Pero' iktar importanti hu l-fatt li m'hemmx prova li meta l-merkanżija nġabret, l-*carrier* ikkonstata xi ħsara. 'Il-ħsara saret waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess tal-*carrier* jew rappreżentanti tiegħu. Skond artikolu 17(1) tal-Konvenzjoni CMR: "*The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and* ***for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well for any delay in delivery.***" Il-*claimant* ma jrid jipprova xejn iktar għal dik li hi responsabbilta. Imbagħad l-Artikolu 17(2) jipprovdi f'liema ċirkostanzi l-*carrier* ma jkunx responsabbli ghad-danni.

*v.* Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentaw fit-Tribunal, l-appellanti jsostnu li tapp tas-sufra jitneħħa billi jittaqqab permezz ta' trabuxu jew b'mezzi ohra, jew jigi mbuttat bil-forza ghal gewwa l-flixkun; "*Ma hemm ebda mod iehor kif it-tapp tas-sufra, hekk issikkat mal-ghonq tal-flixkun jista' jitnehha bil-flixkun jibqa' sħiħ, jekk mhux billi t-tapp jigi sparat 'il barra mill-pressjoni tal-inbid gol-flixkun.* ***Ir-raġuni ghal dan setghet***

[6] P. Cutajar & Co Ltd mill-ewwel għamlitha ċara li ma kienx hemm xi ftehim biex il-konsenja tinqasam fi tnejn. Tant hu hekk li f'ittra datata 10 ta' Awissu 2010 infurmata lil Atlas Insurance Agency Ltd li: "*As per CMR goods were split in 2 c/ments without notification. Therefore we hold GMC Co Ltd (Carrier) responsible for all this.*" (fol. 24). Adrian Pace, impiegat tal-istess kumpannija, xehed: "*.... l-konsenja kellha ssir f'lott wieħed, madankollu din tqassmet fi tnejn. Għandi ngħid illi d-deċiżjoni ttieħdet mis-shipping agent u aħna ma konniex avżati dwarha, u li rriżultala biss meta mbagħad eventwalment saret il-konsenja.*" (fol. 36).
[7] Ara Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni CMR.

***kienet jew għaliex it-tapp ma kienx issikkat kif kellu jkun, jew aktar probabbli, l-inbid iffermenta, żied il-pressjoni fuq gewwa u spara l-inbid."***[8] Fir-rikors tal-appell ghamlu riferenza ghall-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni CMR li jipprovdi: "*2. <u>The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by</u> the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as a result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, <u>by inherent vice of the goods</u> or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent."* Hu evidenti li l-appellanti jsostnu li l-ħsara saret minħabba difett fil-merkanzija. Pero' fil-fehma tal-qorti il-fatt li kien hemm fliexken li fihom it-tap tas-sufra ħareġ il-barra, m'hijiex prova li l-inbid jew l-issiggillar tal-fliexken kien difettuż. Il-prova li kien hemm difett kellha semmai ssir mill-appellanti[9], jekk hemm bżonn ukoll b'talba għall ħatra ta' espert fil-materja.

**Għaldaqstant tiddikjara l-appell null peress li l-aggravji jitrattaw kwistjonijiet li dwarhom m'hemmx jedd ta' appell taħt l-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Spejjeż a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[8] Fol. 120. Din tidher li hi raguni differenti minn dik li rrakkonta Charles Bugeja, *managing director* ta' GMC Transport Co Ltd, li xehed: "*9 …. Is-supplier tal-inbid ta' Cutajar kien pogga erba' livelli ta' kaxxi fuq xulxin, u anke hamsa, fuq kull pallet.* ***Meta t-tagħbija ssir b'dan il-mod, ikun hemm ħafna pressjoni ta' piż fuq il-kaxxi ta' isfel. Dan kollu sar fl-interess ta' Cutajar biex joqgħodu aktar kaxxi fuq pallet waħda,*** *u b'hekk iħallsu lilna anqas spejjeż ghall-ġarr.* ***Il-fatt li kien hemm fliexken bit-tapp sparat 'il fuq, u oħrajn maqsuma mill-għonq juri li l-ħsara fl-inbid saret minħabba żieda fil-pressjoni****. Fejn kien hemm spazju spara t-tapp il-fuq. Fejn ma kienx hemm spazju, il-pressa faqgħet jew qasmet il-flixkun, u b'hekk ħareġ l-inbid li xxarrab il-kaxxi."* Ix-xhud ma qalx li dak li ġara kien minħabba difett fil-merkanzija, kif argumentaw l-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet u rikors tal-appell. Fil-fehma tal-qorti din il-verzjoni li ta x-xhud mhi xejn għajr supposizzjoni, iktar u iktar meta m'hemmx prova li kienu l-fliexken tal-livell ta' isfel li ġralhom hekk u lanqas ma rriżulta li dan seħħ f'kull pakkett li kien hemm fuq kull pallet. Fil-fatt hu stess xehed li kien hemm pallets li baqgħu ntatti (paragrafu 7 tal-affidavit).

[9] Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni CMR, jipprovdi: "*The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*